**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 113/2020 RM**

**Dr. Naged Megally**

**-Vs-**

**Jelena Bezzina**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Dr. Naged Megally fl-20 ta' Lulju 2020 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta Jelena Bezzina tħallas is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni skont l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malfama (Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta), wara li jigi dikjarat illi, il-kummenti pubblikati mill-intimata fuq il-grupp bl-isem "Woman for Woman (Malta) fuq is-sit socjali Facebook fl-24 ta' Gunju 2020, fis-26 ta' Gunju, fit-3 ta' Lulju 2020, fil-5 ta' Lulju 2020 u fis-6 ta' Lulju 2020 (kopja ta' liema huma annessi u mmarkati Dok. NM1, NM2, NM3, NM4 U NM5 rispettivament) huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti

u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni personali u professjonali tar-rikorrenti u li jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta Jelena Bezzina ippreżentata fit-18 ta' Settembru 2020 fejn eċċepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni tar-rikkorent hija nulla għaliex il-kummenti allegatament malafamanti u/jew libellużi ma sarux fuq midja kif definit fil-Kap.579 ta' Malta u lanqas ma jikostitwixxu midja miktuba u/jew pubblikazzjoni għal fini tal-liġi. B'żieda ma dan tajjeb li jiġi rilevat illi l-kummenti in kwistjoni saru fuq "closed group" u/jew "private group" fuq is-sit soċjali Facebook.com;

2. Illi fit-tieni lok, iżda assolutament mingħajr ebda' preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent għandu jindika b'mod preċiż liema kliem u/jew kummenti u/jew opinijonijiet huwa jqis bhala 'libellużi' u/jew 'malafamanti' fil-konfront tiegħu;

3. Illi fit-tielet lok, il-kummenti tal-eċċipjenti huma sostanzjalment veri kif ser jigi ppruvat;

4. Illi fir-raba lok, u f'kull każ, il-kummenti tal-eċċipjenti jikkonsistu f'dikjarazzjonijiet privileggati;

5. Illi fil-ħames lok, u f'kull każ, il-kummenti tal-eċċipjenti jikkonsistu wkoll f'opinjoni onesta;

6. Illi finalment huwa bil-wisq evidenti illi r-rikkorent qed jittenta johnoq u jxekkel il-jedd fondamentali tal-eċċipjenti ghall-liberta tal-espressjoni tagħha u tan-nisa b'mod ġenerali.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha mogħti għall-fini tal-Artikolu 10 tal-Kap. 579 fit-12 ta' Ottubru 2020 fejn *inter alia* u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ordnat illi l-kawża tiġi mismguħa u deċiża minnha;

Rat id-digriet tagħha mogħti fit-12 ta' Ottubru 2020 fejn ordnat illi l-provi miġjuba f'din il-kawża jkunu jgħoddu wkoll fejn applikabbli u jekk ikun il-każ, għall-kawża fl-ismijiet **Dr Naged Megally v. Francesca Fenech Conti** (Rikors Numru 114/2020);

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fl-1 ta' Awwissu 2022;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenuta ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579).

Iżda qabel xejn il-Qorti ser tibsa biex tindirizza u tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuta fir-Risposta tagħha.

Il-konvenuta fl-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tagħha eċċepiet in-nullita' tal-azzjoni attriċi għaliex "*il-kummenti allegatament malafamanti u/jew libellużi ma sarux fuq midja kif definit fil-Kap. 579 ta' Malta u lanqas ma jikkostitwixxu midja miktuba u/jew pubblikazzjoni għall-fini tal-liġi.*"

Minnufih jingħad illi din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba.

Biex kliem malafamanti jitqiesu bħala libell jew inġurja, jeħtieġ li l-kliem jiġi ppubblikat, u l-pubblikazzjoni hija għalhekk element essenzjali tal-azzjoni. Effettivament biex tkun azzjonabbli taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[1], jeħtieġ illi l-malafama ssir permezz ta' att li bih (i) kitba jew stampat, cioe` midja mitkuba, "*tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni*" (dan jagħti lok ghal azzjoni ta' libell), jew (ii) kliem jew immaġni viżwali jigu disseminati (dan jagħti lok għal azzjoni għal inġurja).

'*Midja miktuba*', skont l-Artikolu 2 tal-Att, tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti.

Minn dan isegwi illi stqarrijiet li jsiru bil-miktub fuq pjattaforma aċċessibbli għall-pubbliku bħalma huwa Facebook, li huwa mezz ta' komunikazzjoni elettronika *online* fejn allura l-element tat-tixrid huwa sodisfatt, jaqgħu fid-definizzjoni ta' midja mitkuba u konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Att, għandhom ikunu meqjusa bħala ppubblikati.

Wara kollox, kif ritenut awtorevolment mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

"*As the Court has previously held, in the light of its accessibility and its capacity to store and communicate vast amounts of information, the Internet, which includes blogs and social media (see* ***Magyar Helsinki Bizottság v. Hungary*** *[GC], no.*

[1] Hawn iktar 'l isfel imsejjaħ 'l-Att'.

*18030/11, § 168, 8 November 2016), plays an important role in enhancing the public's access to news and facilitating the dissemination of information in general (see **Delfi AS**, cited above, § 133). However, while user-generated expressive activity on the Internet provides an unprecedented platform for the exercise of freedom of expression, alongside these benefits certain dangers may also arise. Defamatory and other types of clearly unlawful speech, including hate speech and speech inciting violence, can be disseminated like never before (ibid., § 110; **Savva Terentyev v. Russia**, no. 10692/09, § 79, 28 August 2018; and **Savcı Çengel v. Turkey** (dec.), no. 30697/19, § 35, 18 May 2021)*"[2].

Ukoll:-

"*1. The Court reiterates that owing to its accessibility and capacity to store and communicate vast amounts of information, the Internet has now become one of the principal means by which individuals exercise their right to freedom of expression and information. The Internet provides essential tools for participation in activities and discussions concerning political issues and issues of general interest, it enhances the public's access to news and facilitates the dissemination of information in general.*"[3]

Insenjament li ma jħalli l-ebda dubju li stqarrijiet u dikjarazzjoni li jixxerdu permezz ta' pjattaforma elettronika bħalma hija Facebook, jikkostitwixxu midja miktuba pubblikata u jekk dawn ikunu diffamatorji, huma wkoll azzjonabbli bħala malafama.

Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-Qorti ma taqbilx illi l-fatt li l-istqarrijiet impunjati saru fuq « *closed group* » u/jew « *private group* » ifisser li ma jistgħux jitqiesu bħala malafamanti. Il-libell, kif anke définit fl-Att, ifisser malafama permezz ta'

[2] **Sanchez v. France**, deċiża 2.9.2021 (mhux finali: il-każ ġie riferut lill-Grand Chamber fis-17.1.2022).
[3] **Vladimir Kharitonov v. Russia** – deċiża mill-QEDB 23.6.2020.

pubblikazzjoni u hija l-pubblikazzjoni l-element fondamentali kostituttiv tal-azzjoni għal malafama. Huwa ritenut illi stqarrija jew dikjarazzjoni titqies li ġiet ippubblikata anke jekk il-kitba jew stampat tista' tkun komunikata jew ġiet komunikata lil persuna waħda biss oltre għall-persuna aggravata.

Skont Gatley « *In order to constitute publication, the matter must be published by the defendant to (communicated to) a third party, that is to say, at least one person other than the claimant. ... Defamation protects a person's reputation and his reputation is not the good opinion that he has of himself but the estimation in which others hold him.*"[4]

In konklużjoni, u b'referenza għal dak li wkoll ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-Qorti tissenjala illi m'għandux jiġi konfuż il-kunċett ta' 'midja miktuba' mal-kunċett ta' 'midja', it-tnejn definiti fl-Att. Huwa minnu li l-jedd għall-eżerċizzju tal-azzjoni ċivili għal malafama huwa disponibbli fir-rigward ta' kull ħaġa li tiġi ppubblikata fil-'midja'[5] iżda dan premess, il-liġi hija wkoll inekwivoka illi stqarrijiet li jsiru f''midja miktuba' jitqiesu bħala ppubblikati u meta jkunu diffamatorji, jikkostitwixxi libell. Diġa' ġie stabbilit illi stqarrijiet li jiġu mxerrda bil-mezz ta' pjattaforma elettronika bħalma hija Facebook jikkostitwixxu 'midja mitkuba' u għalhekk, mhux f'lokha s-sottomissjoni illi t-tixrid ta' ideat fuq pjattaforma bħal din ma jikkostitwixxix pubblikazzjoni li hija azzjonabbli taħt l-Att bħala libell. Kif rajna, huwa l-kunċett ta' 'midja miktuba' u mhux il-kunċett ta' 'midja' li jsawwar l-element tal-pubblikazzjoni għall-fini tal-eżerċizzju ta' azzjoni ta' libell taħt l-Att, u mhux pubblikazzjoni fil-midja.

Ikkunsidrat;

It-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuta, li l-fatt illi l-attur diġa' intavola azzjoni għal malafama fil-konfront ta' persuna oħra fuq l-istess allegat malafama iġib in-

[4] Gatley: ***On Libel and Slander*** (2013 Ed.), 6.1 p. 188.
[5] Ara Artiklu 3(1) u 3(3) tal-Att.

nullita’ tal-azzjoni, m’hijiex tajba. Huwa minnu illi l-Artikolu 3(3) tal-Att jistipola li ma jistgħux isiru kawżi separati kontra l-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-istess Artikolu, ċioe’ l-awtur, l-editur u r-responsabbli għall-pubblikazzjoni. Huwa minnu wkoll illi l-konvenuta hija l-awtriċi ta’ wħud mill-istqarrijiet impunjati f’din il-kawza. Iżda l-liġi hija ċara li din il-projibizzjoni ssib riskontru biss f’każ li l-azzjonijiet jiġu istitwiti “*dwar l-istess malafama*” u l-Qorti wara li fliet l-atti u l-provi akkwiżiti f’din il-kawża u dawk akkwżiti fil-kawża l-oħra (Rikors Numru 114/2020) fl-ismijiet **Dr. Naged Megally v. Francesca Fenech Conti**, tqis li huwa evidenti li l-azzjonijiet jikkonċernaw malafama naxxenti minn stqarrijiet differenti, stqarrijiet li jwasslu imputazzjonijiet differenti. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Att ma jsibux riskontru fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina.

L-attur għandu raġun ukoll meta fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu sostna illi r-regola magħrufa bħala *single publication rule* ssib applikazzjoni biss f’każ ta’ pubblikazzjonijiet magħmula **mill-istess persuna**. Il-Qorti taqbel illi din ir-regola, stabbilita statutorjament bid-dħul fis-seħħ tal-Att fl-2018 fl-Artikolu 13, tistipola li l-persuna aggravata hija prekluża milli tmexxi b’azzjoni separata kontra l-awtur jew waħda mill-persuni l-oħra msemmija fl-Artikolu 3 tal-Kap. 579 fir-rigward ta’ dikjarazzjonijiet għall-pubbliku ippubblikati mill-istess persuna meta dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu sostanzjalment l-istess. Il-konvenuti f’din il-kawża u fil-kawża Rikors Numru 114/2020 fl-ismijiet **Dr. Naged Megally v. Francesca Fenech Conti** huma persuni differenti u għalkemm l-istqarrijiet kollha ippubblikati minnhom rispettivament jikkonċernaw lill-attur, huwa ovvju li l-istqarrijiet impunjati fiż-żewġ kawżi m’humiex l-istess stqarrijiet u kif diġa’ ngħad, iwasslu imputazzjonijiet differenti u distinti minn xulxin.

Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni sejra tiġi respinta fl-intier tagħha.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fehmet illi din il-vertenza tqanqlet wara illi Francesca Fenech Conti, li waqqfet il-profil fuq Facebook bl-isem *Women for Women* u hija wkoll l-amministratriċi ta' dan il-grupp flimkien mal-konvenuta odjerna, ippubblikat f'isimha żewġ stqarrijiet (Dok. NM1 u Dok. NM2, fol. 2 u 3[6]) fuq dan il-profil fuq Facebook, minnha amministrat, liema stqarrijiet intbagħtu lilha minn persuni li xtaqu jibqgħu anonimi. Dawn l-istqarrijiet it-tnejn jagħmlu referenza għal kawża istitwita mill-attur, li huwa tabib mediku, diversi snin qabel fejn ġie deċiż illi huwa ma għandux il-kwalifiki meħtieġa biex jitqies bħala speċjalist. L-ewwel stqarrija (Dok. NM1) tagħmel referenza u tipprovdi link b'aċċess għal artikolu li kien ġie pubblikat fuq timesofmalta.com fit-13 ta' April 2013 intestat "*Disabled doctor loses discrimination case*".

Dan l-artikolu[7] kien irrapporta dwar l-eżitu ta' proċeduri fejn l-attur allega diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu fid-deċiżjoni tal-Gvern li jirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu biex jiġi reġistrat fir-Reġistru ta' Speċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku. L-attur f'dik il-kawża kien sostna illi dan ir-rifjut kien dovut għad-diżabilita' fiżiku tiegħu, argoment li madankollu ġie respint mill-Qorti li kkonkludiet illi l-applikazzjoni tiegħu biex jitqiegħed fir-Reġistru ta' Speċjalisti ġiet miċħuda għaliex ma kienx kiseb l-akkreditazzjoni meħtieġa u li din id-deċiżjoni ma kellha xejn x'taqsam mad-diżabilita' tiegħu.

Fir-Rikors promotur, l-attur għamel referenza għall-pubblikazzjonijiet li saru mill-konvenuta fuq il-profil fuq Facebook bl-isem *Women for Women* fl-24 ta' Ġunju 2020, fis-26 ta' Ġunju 2020, fit-3 ta' Lulju 2020, fil-5 ta' Lulju 2020 u fis-6 ta' Lulju 2020[8], bħala pubblikazzjonijiet li fihom kummenti libellużi u malafamanti fil-konfront tiegħu. Dawn il-kummenti u stqarrijiet oħrajn impunjati, ġew evidentement xprunati mir-referenzi li saru minn Francesca Fenech Conti lill-artikolu pubblikat fuq timesofmalta.com.

---

[6] Tal-proċess tar-Rikors Numru 114/2020, fl-ismijiet **Dr. Naged Megally v. Francesca Fenech Conti**.

[7] Vide wkoll kopja stampata ta' dan l-artikolu, Dok. JB1, fol. 122, 123 Rikors 114/2020.

[8] Dok. NM1, NM2, NM3, NM4, NM5, rispettivament, annessi mar-Rikors promotur.

L-attur xehed illi huwa impjegat fil-kariga ta' 'Resident Specialist' fl-Isptar Mater Dei u li l-ispeċjalita' tiegħu hija fil-qasam ta' *maternal and fetal medicine*. Sostna illi huwa għandu ċertifikat ta' kompetenza, mhux biss attendenza, fil-*maternal fetal medicine* minn 'The Fetal Medicine Foundation' u sostna illi b'hekk, huwa speċjalizzat f'*maternal and fetal medicine*[9]. Huwa rrikonoxxa li m'għandux speċjalizzazzjoni fil-ġinekoloġija minħabba li ma setax jikkompleta t-taħriġ minħabba d-diżabilita' fiżika tiegħu[10], iżda saħaq illi huwa "*specialist*"[11] għaliex huwa reġistrat u ilu jaħdem fil-kariga ta' 'Resident Specialist Obstetrics and Gynaecology' fl-Isptar Mater Dei sa mill-2008[12].

L-attur xehed ukoll illi wara li ġew ippubblikati mill-konvenuta l-istqarrijiet fl-4 ta' Lulju 2020 mingħajr ħadd ma talbu għall-verżjoni tiegħu, diversi pazzjenti bdew jikkanċellaw l-appuntamenti li kellhom skedati miegħu fl-Isptar St. James mingħajr spjegazzjoni u saħaq illi dan seħħ b'riżultat tal-pubblikazzjonijiet malafamanti in diżamina.

Fir-rigward speċifikatament il-konvenuta odjerna Jelena Bezzina, l-attur ilmenta illi huwa ħassu aggravat bil-kummenti tagħha li huwa razzist, ħaġa li huwa ċaħad filwaqt li insisti li huwa jgħin lil kulħadd tant illi qatt ma rrifjuta li jara pazzjenti barranin[13]. Ħassu aggravat ukoll bl-allegazzjoni li huwa jagħti fastidju lin-nisa u li huwa pedofolu. Impunja wkoll speċifikatament l-istqarrija li huwa għamel dijanjosi foloz u li kien hemm nisa li kienu "*crushed*" bil-kura tiegħu. L-attur insista illi ħadd qatt ma ġibidlu l-attenzjoni tiegħu għal xi ilment li seta' sar fil-konfront tiegħu minħabba dijanjosi ħażina li huwa seta' ta lil xi pazzjenta u insista li huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-aħjar tobba f'Malta fil-qasam ta' *foetal medicine* u *ultrasound*.

---

[9] Kontro-eżami, 14 ta' Ġunju 2021, fol. 64.
[10] Fol. 64.
[11] Xhieda tal-14 ta' Ġunju 2021, fol. 53.
[12] Dwar il-kariga tiegħu ta' 'Resident Specialist Obstetrics and Gyanecologist', l-attur fix-xhieda tiegħu fisser: "*Dik il-kariga tiegħi f'Mater Dei*" - xhieda tal-attur, 14 ta' Ġunju 2021, in kontro-eżami, fol. 65.
[13] "publicly and openly racist" – fol. 5 Rikors 113/2020.

Il-konvenuta ssostni b'mod ġenerali li l-kummenti tagħha huma ġustifikati minħabba l-fatt illi huwa fatt veru li l-attur m'huwiex elenkati fost l-ispeċjalisti fl-i*Specialist Register* tal-Kunsill Mediku u għalhekk ma messu qatt irreklama lilu nnifsu bħala speċjalist fil-ġinekoloġija għaliex b'hekk żvija lill-pazzjenti tiegħu u dawk prospettivi. Għamlet referenza wkoll għal artikolu ppubblikat f'*The Times of Malta* b'referenza għal sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn fis-sostanza, kien ġie deċiż illi l-attur ma ġiex imniżżel fir-Reġistru ta' Speċjalisti għaliex ma kienx ikkompleta t-taħriġ meħtieġ biex jiġi akkreditat bħala speċjalist u mhux għaliex kien il-vittma ta' diskriminazzjoni.

Ikkunsidrat;

Għandu jiġi stabbilit qabel xejn liem'huma l-istqarrijiet fost il-pubblikazzjonijiet kollha indikati fir-Rikors promotur u kopja stampata tagħhom annessa, li l-attur qiegħed jallega li huma malafamanti.

Il-Qorti fliet il-pubblikazzjonijiet kollha annessi mar-Rikors promotur u abbażi ta' dak li fisser l-attur fix-xhieda tiegħu, tqis illi l-imputazzjonijiet li l-attur ħassu aggravat bihom **u** li jinsiltu mill-kumpless tal-pubblikazzjonijiet impunjati, jistgħu jinqasmu b'mod ġenerali fi tliet kategoriji:-

(1) imputazzjoni li, kuntrarjament għall-mod kif jiddeskrivi lilu nnifsu għall-fini tal-prattika privata tiegħu, l-attur m'huwiex akkreditat bħala speċjalist fil-ġinekoloġija u ostetriċja;
(2) imputazzjoni li dan l-istat ta' fatt jista' jiżvija lill-pazzjenti dwar il-kwalifiki veri tal-attur fil-qasam ta' ġinekoloġija u ostetriċja;
(3) imputazzjoni dwar nuqqas ta' effiċjenza u kompetenza fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu; u
(4) imputazzjoni li l-attur huwa razzist u sessist u jagħti fastidju sesswali lill-pazzjenti tiegħu.

Il-Qorti tosserva illi għajr għall-istqarrija ppubblikata mill-konvenuta kif jidher f'Dok. NM2[14] u minkejja t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta fir-Risposta tagħha, l-attur baqa' ma identifikax fix-xhieda tiegħu l-istqarrijiet jew kliem oħrajn speċifiċi tal-konvenuta li qegħdin jiġu impunjati minnu bħala malafamanti f'din l-azzjoni. Il-Qorti żgur m'hijiex sejra hija stess tagħżel liema kliem jew liema stqarrijiet minn fost sensiela ta' diversi kummenti u posts imtellgħin mill-konvenuta fuq il-profil imsejjaħ *Women for Women* fid-dokumenti annessi mar-Rikors promotur, għandhom jitqiesu bħala malafamanti meta dawn huma voluminużi u evidentement bosta minnhom ma fihom u ma jwasslu l-ebda imputazzjoni kwalsiasi. Il-Qorti tirribadixxi illi jinkombi lill-persuna aggravata f'azzjoni għal malafama li jidentifika b'mod speċifiku l-istqarrijiet impunjati.

Huwa minnu li l-attur irriproduċa numru ta' stqarrijiet fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu iżda l-Qorti tqis illi l-istqarrijiet *ad hoc* li huma impunjati f'azzjoni għal malafama għandhom jiġu identifikati b'mod preċiż fl-istadju tal-provi u mhux matul it-trattazzjoni finali tal-kawża u dan biex il-parti kuntrarja jkollha l-opportunita' li tressaq provi in sostenn ta' xi imputazzjoni jew difiża speċifika u jew sabiex tirribatti l-provi mressqa mill-persuna aggravata fir-rigward ta' xi stqarrija partikolari.

Dan premess, il-Qorti xorta waħda sejra tieħu qies tal-istqarrijiet li ġew magħżula mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet bħala dawk li jwasslu imputazzjonijiet malafamanti fil-konfront tiegħu, iżda biss safejn dawn jissostanzjaw l-imputazzjonijiet li diġa' ġew identifikati bħala l-imputazzjonijiet li jinsiltu mill-pubblikazzjonijiet imsemmija fir-Rikors promotur.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, dawn l-istqarrijiet huma:-

*4.a i was just talking about him with someone And I know women who went to him and had no idea he is not a specialist but he presents himself as one ... they let him work at Mater Dei too.*

---

[14] Paġna 5 tal-atti tal-kawża 113/2020.

*4.b Maltese Authorities clearly said he should not be practising as a specialist in this field.*

Qabel xejn, għandu jiġi senjalat illi din it-tieni stqarrija appena riprodotta ma ġietx ċitata b'mod sħiħ mill-attur: evidentement, huwa għażel biss dik il-parti tal-istqarrijia tal-konvenuta li meħuda waħedha, tista' ma tinftiehemx fis-sens li kjarament fissret il-konvenuta għaliexdin tifforma parti minn dikjarazzjoni iktar wiesa'[15].. Fil-fatt, il-konvenuta stqarret hekk fil-pubblikazzjoni impunjata mill-attur:

"*Maltese authorities clearly said he should not be practising as a specialist in this field **of gynaecology since he did not finish his qualifications***."[16]

L-imputazzjoni li titnissel mill-kumpless ta' dawn l-istqarrijiet fl-intier tagħhom hija li l-awtoritajiet iddeċidew li l-attur m'huwiex speċjalist u ma jistax jaħdem bħala speċjalist iżda minkejja dan, jippreżenta ruħu bħala tali. Dawn l-imputazzjonijiet huma essenzjalment veri għaliex kif stabbilit, l-attur verament m'huwiex imniżżel fir-Reġistru ta' Speċjalisti tal-Ġinekoloġija u Ostetriċja: akkreditazzjoni li hija essenzjali biex tabib jista' jiddeskrivi ruħu bħala speċjalist. Kemm hu hekk, l-Att XII tal-2003 jipprovdi:-

*29.(1) Ħadd ma għandu jeżerċita bħala, jew jagħmilha ta', speċjalista kemm-il darba ismu ma jkunx imniżżel fir-reġistru miżmum għar-reġistrazzjoni ta' speċjalisti mill-Kunsill rilevanti.*

*(2) Persuna ma tkunx tista' skond il-liġi tassumi, la bil-miktub u lanqas xort'oħra, xi titolu jew tuża, jew tieħu sehem fl-użu ta' xi deskrizzjoni li tkun timplika li hija tkun speċjalista f'xi speċjalità fil-professjonijiet regolati b'dan l-Att kemm-il darba*

[15] Fir-rigward, ġie ritenut:- "*Words cannot be taken out of context. The claimant is not entitled to take a blue pencil to the article so as to change its meaning, and then prevent defendant from seeking to prove the truth of the words in their unexpurgated form*".

[16] Dok. NM3, fol. 5. Emfasi tal-Qorti.

*isimha ma jkunx imniżżel fir-reġistru miżmum għar-reġistrazzjoni ta' speċjalisti mill-Kunsill rilevanti.*[17]

Il-Qorti tosserva illi l-attur ma jinnegax u mkien ma ċaħad li huwa kien imniżżel bħala speċjalist fil-ġinekoloġija u kien qed isejjaħ lilu nnifsu bħala "Obstetrician and Gynaecologist" fir-reklamar tas-servizz tiegħu fl-Isptar St. James. Fl-istess waqt, jinsisti li huwa speċjalist għaliex jokkupa l-kariga ta' *Resident Specialist (Obstetrics and Gynaecology)* fl-Isptar Mater Dei u jsostni wkoll li huwa speċjalist fil-*maternal and fetal medicine* għaliex kiseb ċertifikat ta' kompetenza fil-qasam ta' *fetal ultrasound* minn 'The Fetal Medicine Foundation'.

Huwa minnu li l-provi juru[18] li l-attur huwa impjegat u ilu diversi snin jaħdem fil-grad ta' *Resident Specialist* fl-iSptar Mater Dei, iżda dan ma jfissirx li huwa speċjalist f'dawn l-oqsma. Dan jirriżulta (i) mill-artikolu fuq timesofmalta.com[19] b'sintesi tad-deċiżjoni tal-Qorti fil-kawża istitwita mill-attur kontra l-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti, fejn ġie rapportat kif il-Qorti, meta ġiet biex tirriġetta l-allegazzjoni tal-attur li kien il-vittma ta' diskriminazzjoni, stabbilixxiet illi l-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ma aċċettax li l-attur jingħata akkreditazzzjoni bħala speċjalist sewwasew għaliex ma kienx ikkompleta t-taħriġ kollu meħtieġ biex ikun eliġibbli għal din l-akkreditazzjoni, u (ii) mix-xhieda ta' Arthur Camilleri, ir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku, fejn fisser li t-titolu ta' *Resident Specialist* ma jfissirx li l-attur huwa effettivament akkreditat bħala speċjalist fil-ġinekoloġija jew ostetriċja u li jista' juża t-titolu ta' 'speċjalist' bl-istess mod bħat-tobba li huma miżżlin fir-Reġistru ta' Speċjalisti, minkejja li għandu esperjenza vasta bħala sonografu f'dan il-qasam.

---

[17] *"Speċjalista" tfisser professjonist fil-kura medika li jkollu ismu mniżżel fit-taqsima adatta tar-reġistru ta' l-ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill rilevanti skond dan l-Att.*

[18] L-attur ma ressaq l-ebda prova biex juri li effettivament kiseb iċ-ċerifikat ta' kompetenza fil-fetal ultrasound mill-Fetal Medicine Foundation iżda l-Qorti ħadet konjizzjoni ġudizzjarja tas-sit elettroniku fetalmedicine.org u jirriżulta li dan huwa minnu.

[19] Dok. JB1, fol. 122.

Mill-provi joħroġ ukoll li din id-deskrizzjoni tgħodd għall-fini tal-impieg tiegħu ġewwa l-Isptar Mater Dei u mhux ukoll biex jipprattika b'mod ġenerali bħala tabib speċjalist. Kemm hu hekk, l-attur innifsu, b'referenza għall-kariga ta' resident specialist obstetrics and gyanecologist, fisser fix-xhieda tiegħu: "*Dik il-kariga tiegħi f'Mater Dei*".

Huwa ppruvat ukoll illi minkejja illi l-attur m'huwiex akkreditat mill-awtoritajiet bħala speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija, huwa kien qiegħed jiddeskrivi ruħu bħala "Obstetrician and Gynaecologist" għall-fini tal-prattika privata tiegħu fl-Isptar St. James. Fir-rigward, il-konvenuta xehdet illi waħda mill-membri tal-grupp tellgħet ritratt ta' *business card* tal-attur (Dok. JB6) li effettivament juri illi l-attur kien qed juża t-titolu "Obstetrician and Gynaecologist" – xhieda li ma ġietx kontradetta jew kontestata mill-attur - u xehdet ukoll kif fis-sit elettroniku tal-Isptar St. James l-attur kien qed jiġi indikat bħala speċjalist fil-kategorija tal-ġinekoloġija fl-Isptar St. James[20]: indikazzjoni li in segwitu għall-pubblikazzjonijiet fuq il-profil *Women for Women*, ġiet emendata minnufih[21] minn Maria Bugeja, CEO tal-imsemmi Sptar, biex ma jkunx hemm lok għal żvijar tal-pazzjenti.

Dan kollu magħdud jikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjoni magħmula mill-pubblikazzjoni tad-diversi stqarrijiet tal-konvenuta (dawk li huma relevanti għall-fini tal-ewwel imputazzjoni impunjata mill-attur), hija sostanzjalment vera. Kif sewwa dikjarat il-konvenuta, l-awtoritajiet Maltin iddeċidew illi l-attur ma jistax jipprattika bħala speċjalist fil-qasam ta' ġinekoloġija għaliex ma kienx kiseb il-kwalifiki kollha meħtieġa u għalhekk, kuntrarjament għall-mod kif jiddeskrivi lilu nnifsu għall-fini tal-prattika privata tiegħu, l-attur m'huwiex akkreditat bħala speċjalist fil-ġinekoloġija u ostetriċja.

Dawn l-istqarrijiet huma fattwali u ma jikkostitwixxux l-espressjoni ta' fehma jew *value judgement* u fuq kollox, kif inhuwa risaput, għas-suċċess tad-difiża tal-verita'

[20] Dok. MB1 u Dok. MB2. Ukoll, xhieda ta' Maria Bugeja, 28 ta' Frar 2022 u Dok. JB3 u JB4, fol. 125.
[21] L-attur beda jiġi indikat fil-kategorija "Special interest in gynaecology".

mhux meħtieġ li kull kelma ppubblikata hija vera iżda dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit il-verita' sostanzjali tal-essenza tal-malafama.

Blackstone, fir-rigward, jgħid hekk:-

"*... a defendant was not required to prove the literal truth of every statement complained of: it was enough to establish the essential or substantial truth of the central defamatory 'sting' of the words. Thus a plea of justification*[22] *could success even if other, immaterial detasils in the offending statement were not proved to be true.*"[23]

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi "*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)" fl-Artikolu 4(1) tal-Att, huma l-istess prinċipji li kienu relevanti għad-difiża tal-ġustifikazzjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att. Dawn il-prinċipji ġew sintetizzati hekk per Nicklin J fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28]:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*

*(ii) The court should not be too literal in its approach. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication: Rothschild v Associated Newspapers Ltd [2013] EMLR 18, para 17, per Laws LJ*

---

[22] Kif kienet magħrufa din id-difiża qabel id-daħla fis-seħħ tad-Defamation Act, 2013 u l-leġislazzjoni korrispondenti domestika, fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579.

[23] ***Blackstone's Guide to the Defamation Act**,* 2013 (Oxford University Press), 3.02, p. 28.

Skont Gately *ibid.: "The requirement that the defendant need prove only the substantial truth of what has been published entails that a defence of truth may succeed even though the publication was inaccurate in a number of respects. If the defendant can prove that the main charge or gist of the libel is true, a light inaccuracy in one or more of its details will not prevent him from succeeding in a defence of truth*."

*(approving Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005] EWHC 799 (QB) at [109], per Eady J). The task is 'to isolate the essential core of the libel and not be distracted by inaccuracies around the edge – however extensive": Turcu's case, para 105*[24]*.*"

Imbagħad, f'deċiżjoni iktar reċenti, **Riley v Murray** [2021] EWHC 3437 (QB), [2022] EMLR 8 at [51] ġie wkoll riaffermat is-segwenti prinċipju:-

"*... In deciding whether any given defamatory imputation is substantially true, the court will have well in mind the requirement to allow for exaggeration, at the margins, and have regard in that context also to proportionality. Having regard to its overall gravity and the relative significance of any elements of inaccuracy or exaggeration, has the substantial sting been proved? It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style: Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J.*"

Applikat dan għall-każ in diżamina, jikkonsegwi li l-istqarrijiet tal-konvenuta li l-attur mhuwiex kwalifikat biex juża t-titolu ta' u jipprattika bħala speċjalist fil-ġinekoloġija u l-istqarrija li m'huwiex ġinekologu, huma sostanzjalment korretti. Għaldaqstant, il-konvenuta rnexxielha tissodisfa l-oneru mixħut fuqha li tipprova li s-sostanza tal-imputazzjoni mnissla minn dawn l-istqarrijiet tagħha, impunjati mill-attur, hija sostanzjalment vera. Il-korollarju ta' dan hu li bħala imputazzjoni li hija veritiera, din ma tistax tkun diffamatorja.

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ġie stabbilit, it-tieni imputazzjoni li titnissel mill-kumpless tal-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenuta, indikati fir-Rikors promotur, hija illi l-fatt li l-attur

[24] Fid-deċiżjoni **Turcu v. News Group Newspapers Ltd** (2005) EWHC 799 (QB) at 111 rikonoxxiet illi l-pubblikatur jista' jiġi konċess ċertu qies ta' esaġerazzjoni anke fil-kuntest ta' asserzjonijiet fattwali: "*it is no part of the court's function to penalise a defenfant for sloppy journalism, still less for tastelessness of style*".

jirrappreżenta ruħu fl-Isptar St. James bħala speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija kif ukoll juża d-deskrizzjoni ta' ġinekologu, meta m'huwiex akkreditat bħala speċjalist f'dan il-qasam, ifisser li l-attur qiegħed jiżvija lill-pazzjenti dwar il-kwalifiki veri tiegħu fil-qasam ta' ġinekoloġija u ostetriċja.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur indika speċifikatament is-segwenti stqarrijiet li fil-fehma tal-Qorti huma relevanti għal din l-imputazzjoni:-

"*he is far from even a good US guy!! Let alone presenting himself as a gynae specialist! That is literally fraud.*"[25]

*"Do you think that as a women for women group we should recommend this man? "*

*"are you seriously suggesting that we shold support someone not qualified to treat and diagnose our women? Is this a safe thing according to you?"*[26]

Fir-Risposta tagħha il-konvenuta sollevat id-difiża tal-opinjoni onesta. Fil-fatt, il-Qorti tibda biex tosserva li huwa evidenti illi dawn l-istqarrijiet jikkostitwixxu espressjonijiet tal-fehma tal-konvenuta dwar il-fatt li l-attur jippreżenta ruħu bħala speċjalist fil-ġinekoloġija meta m'huwiex kwalifikat u akkreditat skont il-liġi biex jipprattika f'dak il-qasam ta' speċjalizzazzjoni.

Hija relevanti l-osservazzjoni illi kuntrarjament għal dak li ngħad fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, il-Qorti ma taqbilx illi l-qarrej ordinarju ta' *posts* ippubblikati fuq paġna fuq Facebook bħalma huwa l-profil tal-grupp *Women for Women*, kellu jifhem daqshekk faċilment illi "*US guy*" hija *acronym* tal-kelma *ultrasound*. Din ix-xorta ta' pubblikazzjoni, konsistenti f'sensiela tal-*posts* imtellgħin kontinwament mill-konvenuta u minn terzi persuni, ma teħtieġx ħlief qari superfiċjali u l-qarrej żgur ma joqgħodx jiskrutinizza d-dikjarazzjonijiet jew ifittex għat-tifsira tal-

[25] Dok. NM3, anness mar-Rikors promotur, fol. 8.
[26] Dok. NM3 anness mar Rikors promotur.

kliem użat. Fil-fatt, għalkemm il-kelma *ultrasound* tissemma fis-sekwenza ta' messaġġi pubblikati mid-diversi membri tal-grupp b'rabta mas-soġġett tal-kwalifiki tal-attur, din il-kelma tissemma darba waħda biss f'post ta' ċertu "Omm Elyas Yousseff" u ma ntweriex illi dan il-post ġie pubblikat fl-istess data ta' jew immedjatament qabel jew wara il-pubblikazzjoni tal-istqarrijia tal-konvenuta, fuq ċitata. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx li l-imputazzjoni li titwassal minn din l-istqarrija partikolari hi li l-attur m'huwiex sonografu tajjeb u huwa għalhekk eskluż ukoll li l-konvenuta qiegħda hawnhekk tallega li l-attur ma jispeċjalizzax fis-sonografija jew li m'huwiex akkreditat jew m'għandux esperjenza f'dan il-qasam.

In kwantu għar-rimanenti parti mill-ewwel stqarrija fuq riprodotta, fejn hu evidenti li l-imputazzjoni hija li l-attur qed jiżvija deliberatament lill-pazzjenti meta jippreżenta ruħu bħala speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija, il-Qorti tibda biex tosserva illi f'termini ġenerali, l-imputazzjoni li persuna l-oħra tinganna u tqarraq bin-nies, hija waħda li hija kapaċi tagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni ta' dik il-persuna. In materja, jinsab ritenut illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[27], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[28], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Madanakollu, din l-istqarrija tal-konvenuta, flimkien mal-istqarrijiet l-oħra indikati mill-attur, appena riprodotti, għandhom jinqraw fil-kuntest tas-sensiela ta' posts pubblikati minnha fuq dan il-profil in konnessjoni mal-fatt illi l-attur juża t-titolu ta' speċjalist u jiddeskrivi ruħu bħala ġinekologu għall-fini tal-prattika privata tiegħu meta m'huwiex hekk akkreditat. Fil-fatt, kif diġa' ġie stabbilit, il-konvenuta rnexxielha tressaq provi sodisfaċjenti illi għalkemm l-attur m'huwiex effettivament

---

[27] ***Collins on Defamation*** (2014 Ed.), 6.10 p. 117.

[28] Collins ifisser din ir-regola hekk:- *"A statement to the effect that the defendant had heard that the claimant had engaged in some misconduct, for example, will ordinarily convey the imputation that the claimant had in fact engaged in the misconduct."* – *Ibid.* 6.67, p. 132.

akkreditat mill-Kunsill Mediku bħala speċjalist fil-qasam tal-ostetriċja u ġinekoloġija u għalhekk ma jistax juża t-titolu ta' speċjalist fil-ġinekoloġija[29], kien qed isejjaħ lilu nnifsu "Obstetrician and Gynaecologist" u kien imniżżel bħala speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija għall-fini tal-prattika privata tiegħu fl-Isptar St. James[30].

Għall-Qorti dawn jikkostitwixxu fatti għall-fini tal-paragrafu (ċ)(i) tal-Artikolu 4(4) tal-Att li kienu jeżistu fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenuta li abbażi tagħhom persuna onesta setgħet ikollha l-opinjoni dikjarata mill-konvenuta, ċioe' l-opinjoni illi persuna li m'hijiex akkreditata bħala speċjalist fil-ġinekoloġija tkun qed tiżvija u tqarraq jekk tippreżenta ruħa bħala speċjalist fil-ġinekoloġija u bħala ġinekologu.

Evidentement, anke l-Isptar St. James innifsu rrikonoxxa l-fatt li l-attur m'għandux jibqa' jissejjaħ bħala speċjalist għall-fini tas-sessjonijiet kliniċi tiegħu ġewwa l-istess Sptar u dan meta in segwitu għall-pubblikazzjoni tal-artikolu fuq timesofmalta.com u l-iskambju ta' messaġġi minn diversi membri tal-grupp fir-rigward[31], ġiet emendata l-indikazzjoni tal-ispeċjalita' tiegħu fil-ġinekoloġija. Għall-Qorti, dan ifisser li effettivament il-possibbilita' jew potenzjal ta' żvijar ma kienetx merament ipotetika jew opinjoni li ġiet espressa mill-konvenuta mingħajr bażi fattwali.

Huwa indiskuss illi l-konvenuta indikat b'mod suffiċjenti l-bażi ta' din l-opinjoni tagħha u dan meta ddikjarat ripetutament fil-*posts* pubblikati minnha, li l-attur ippreżenta ruħu bħala speċjalist fil-ġinekoloġija. Fost stqarrijiet oħrajn, il-konvenuta ddikjarat: "*... the man is not warrantied* (*sic*) *or trained in the speciality he claims he is in!*"[32] Stqarrija li l-Qorti diġa' dikjarat li hija sostanzjalment vera.

Huwa minnu li l-provi juru illi l-attur huwa impjegat fil-grad ta' Resident Specialist (Obstetrics & Gynaecology) fl-Isptar Mater Dei u seta' kiseb ukoll ċertifikat ta'

---

[29] Ara xhieda Arthur Camilleri, 12 ta' Jannar 2022 u Dok. AC u AC1 kif ukoll artikolu fuq timesofmalta.com – Dok. JB1.
[30] Ara Dok. JB6 u xhieda ta' Maria Bugeja, kif ukoll Dok. MB1 u MB2.
[31] Ara xhieda ta' Maria Bugeja.
[32] Dok. NM3, fol. 7.

kompetenza fil-qasam ta' fetal (Doppler) ultrasound. Iżda l-Qorti hi tal-fehma illi fl-isfond tal-fatti li jirriżultaw mill-provi miġjuba mill-konvenuta, speċifikatament il-fatt li l-attur m'huwiex kwalifikat biex jipprattika bħala speċjalist fl-oqsma ta' ġinekoloġija u ostetriċja iżda nonostante dan huwa jiddeskrivi ruħu bħala speċjalist fil-qasam, **persuna onesta setgħet tasal biex tesprimi l-istess opinjoni tal-konvenuta li dan kapaċi jiżvija jew jqarraq dwar il-kwalifiki veri tiegħu**. Il-korollarju ta' dan huwa li l-opinjoni tal-konvenuta li hija ma taqbilx li l-attur għandu jkun rakkomandat bħala tabib speċjalizzat fil-qasam tal-ġinekoloġija, ukoll hija waħda li persuna onesta setgħet ikollha.

Għaldaqstant, id-difiża tal-opinjoni onesta fir-rigward ta' din l-istqarrija ossia partikolari, hija tajba u mistħoqqa u sejra tintlaqa'.

Ikkunsidrat;

Kif rajna, it-tielet imputazzjoni li titnissel mill-kumpless tal-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenuta, mertu ta' din l-azzjoni għal malafama, hija imputazzjoni dwar nuqqas ta' kompetenza da parti tal-attur fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, ġie sottomess illi l-konvenuta tat x'tifhem illi l-attur "*kkommetta żbalji f'xogħolu*"[33] u ġew indikati s-segwenti stqarrijiet li huma relevanti għall-imputazzjoni in diżamina:-

"*You need to go back to reading the comments from women who were crushed by his treatment, his false diagnoses and then also ignoring the patient he gave the wrong results.*"[34]

Ukoll: "*He is a sexist, harasser, totally inappropriate, which **just proves he was not trained as a professional medic***."[35] (emfasi tal-Qorti)

[33] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.
[34] Dok. NM4, anness mar-Rikors promotur, fol. 10.

Fid-deċiżjoni fil-każ **Drumond-Jackson v. British Medical Association** (1970) 1 WLR 688 (CA), 700, Lord Pearson emfasizza l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut illi fil-każ ta' imputazzjonijiet li jsiru fil-konfront ta' negozjanti jew persuni li jipprattikaw professjoni, stqarrijiet jistgħu jkunu diffamatorji anke jekk "*they do not impute any moral fault or defect of personal character*" meta per eżempju jimputaw "*lack of qualification, knowledge, skill, capacity, judgement or efficiency in the conduct of his trade or business or professional activity*."

Hawnhekk il-konvenuta qiegħda evidentement tirrepeti dikjarazzjonijiet li sarulha minn terzi persuni. Il-Qorti fliet il-*posts* kollha li jifformaw parti mill-atti ta' din il-kawza u l-kawża Rikors Numru 114/2020 fl-ismijiet **Dr. Naged Megally v. Francesca Fenech Conti**, fosthom dawk li ġew prodotti mill-konvenuta bħala parti mill-provi li hija ressqet għad-difiża tagħha iżda ma riskontrat l-ebda rakkonti minn nisa li kienu "*crushed*" b'effett tat-trattament mogħti lilhom mill-attur, jew li ngħataw dijanjosi falza mingħand l-attur jew riżultati ħżiena, għajr għall-post ta' ċertu Denise Sultana li qalet li ngħatat dijanjosi ħażina u minħabba f'hekk għamlet għaxar snin "*not really knowing what was wrong with me*". Il-konvenuta naqset ukoll milli tressaq bħala xhieda l-persuni li allegatament irrakontawlha dawn l-esperjenzi biex turi l-istqarrijiet ripetuti fihom bażi ta' verita'.

Jinsab ritenut illi bħala regola ġenerali, persuna ma tistax teludi responsabbilita' għal stqarrijiet malafamanti billi tattribwixxi l-istqarrijiet lil persuna oħra. Fid-deċiżjoni **Cookson v. Harewood**[36] (approvata minn Lord Devlin **f'Lewis v. Daily Telegraph**, fejn ġie ritenut ukoll: "*repeating someone else's libellous statement is just as bad as making the statement directly*"[37]) intqal hekk:-

[35] Dok. NM3, anness mar-Rikors promotur, fol. 9.
[36] (1932) 2 K.B.
[37] 1964, A.C. 234.

"*If you repeat a rumour you cannot say it is true by proving that the rumour in fact existed; you have to prove that the subject matter of the rumour is true.*"[38]

Il-konvenuta, kif rajna, ma ressqet l-ebda prova li xi effettivament l-attur għamel dijanjosi foloz, injora lill-pazzjenti tiegħu u kkaġuna xi ħsara lill-pazzjenti tiegħu minħabba xi trattament jew kura li seta' tahom. L-istqarrija ta' Denise Xuereb waħehda li, kif rajna, titkellem dwar dijanjosi ħażina u **mhux waħda deliberatament falza fejn l-allegazzjoni ta' falsita' tnissel konnotazzjonijiet manifesti ta' malafede**, m'hu ta' ebda konfort lill-allegazzjonijiet tal-konvenuta li f'kull każ, naqset milli tressaq lill-imsemmija membru bħala xhud biex tfisser lill-Qorti l-fatti u ċirkostanzi tal-esperjenza tagħha bħala pazzjent tal-attur u kif dawn imorru biex jagħtu sostenn fattwali lil dawn l-allegazzjonijiet. Da parti tiegħu l-attur ċaħad kategorikament li huwa qatt ġie avviċinat, anke minn superjuri tiegħu fl-Isptar u fid-Dipartiment tas-Saħħa dwar xi dijanjosi ħażina jew dwar trattament ħażin ta' xi pazzjenta.

Gatley, in tema ta' stqarrijiet li jolqtu l-kondotta jew kompetenza professjonali, diversament mill-karattru, tal-persuna aggravata, jgħid hekk:-

"*Where words deingrate the claimant's business or professional capacity they may be defamatory even though they in no way reflect on the <u>character</u> of the claimant. ... it has been suggested that the correct approach is to ask whether the tendency of the words is to convey to the reader that the claimant's fitness or competence falls short of what are generally necessary for the business or profession.*"

Meta l-kliem tal-konvenuta jinqraw fil-kuntest tal-istqarrijiet ripetuti tagħha dwar il-fatt li l-attur m'huwiex akkreditat bħala speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija, wieħed

---

[38] Gatley jagħti dan l-eżempju:- *"If D states 'C murdered X' then a defence of truth requires D to show that C did murder X. If however, D states that 'A told me that C murdered X' or that 'there is a rumour that C murdered X', D is still required to prove that C did murder X in order to establish the defence of truth."*

faċilment jifhem li l-imputazzjoni li qiegħda ssir hi li l-attur, bħala persuna mhux kwalifikata biex jipprattika bħala speċjalist fil-ġinekoloġija, m'huwiex kompetenti biex jagħmel dijanjosijiet tajbin u kwindi mhuwiex idoneu biex jeżerċita l-professjoni ta' tabib. Iżda kif ingħad, il-konvenuta naqset kompletament milli tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet, allegazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti huma kapaċi jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni professjonali tiegħu bħala tabib li jipprattika b'mod ġenerali fil-qasam tal-ġinekoloġija u ostetriċja, tant illi kif xehed l-attur, b'mod inkontestat, diversi appuntamenti li kellu skedati fl-Isptar St. James fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati, ġew ikkanċellati mill-pazzjenti mingħajr raġuni.

Il-Qorti ma taqbilx li dawn l-allegazzjonijiet jikkostitwixxu kritika minuri tal-ħiliet professjonali tal-attur iżda tqis li l-allegazzjoni hija waħda ta' malafede u inkompetenza fil-mod kif jipprattika l-professjoni tiegħu[39], allegazzjoni li mhijiex ġustifikata u li hija kapaċi tagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni professjonali tiegħu.

Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar id-deċiżjoni fil-kawża **Cammish v. Hughes**, jgħid illi l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet *"... that a charge of serious incompetence against a businessman was sufficient to meet the necessary threshold. Such an imputation 'was capable of affecting his livelihood. Reputation is important to a businessman as he needs to persuade others to trust that he will competently perform ...*"[40]. Il-Qorti tqis li dan ir-raġunament isib riskontru pjen ukoll fil-każ ta' imputazzjoni ta' inkompetenza serja fil-konfront ta' persuna fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu u konsegwentement, fil-qies ta' dan kollu, hija tal-fehma illi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet tal-konvenuta huma diffamatorji.

Ikkunsidrat;

Skont l-attur, l-istqarrijiet tal-konvenuta iwasslu ukoll l-imputazzjoni li huwa razzist, sessist u pedofolu. Madanakollu il-Qorti taqbel illi l-uniċi imputazzjonijiet li

---

[39] Vide fir-rigward, Collins, *ibid.*, 6.19 p. 120.
[40] Gatley 2.4, p. 40.

jinftiehmu mill-kumpless tad-diversi stqarrijiet ippubblikati mill-konvenuta fuq il-profil *Women for Women*, indikati fir-Rikors promotur, huma illi l-attur huwa razzist u sessist u jagħti fastidju sesswali lill-pazzjenti tiegħu iżda mhux ukoll li huwa pedofolu.

L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, indika s-segwenti stqarrijiet bħala malafamanti:-

"*He is a sexist, harasser, totally inappropriate, which just proves he was not trained as a professional medic*."[41]

"*apart from the testimonials of women where he shows himself as a sexist, sexual harassment example*".

Fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti l-attur xehed illi l-konvenuta, Jelena Bezzina, "*she gives examples about me saying I'm a pedophilia. Pedophilia rajtha kbira wkoll I mean she tried to damage my reputation, my name, anything, important she damage my name, why?*"

Il-Qorti rat il-pubblikazzjonijiet annessi mar-Rikors promotur li ġew indikati mill-attur fl-istess Rikors bħala malafamanti u fehmet illi l-attur ħassu aggravat bis-segwenti stqarrija:-

"*What you are saying reminds me of the classic case of child abuse where they would call in people to testify on all the "good character" traits. .. 'He was my priest for 30 years, the best man in our town' but he molested children – should we ignore that because so many people loved his sermons And he helped charities?*"

Iżda kif diġa' ngħad, din l-istqarrija ma tistax titqies li raġjonevolment twassal imputazzjoni li l-attur huwa pedofolu. Hu ovvju li l-konvenuta hawnhekk kienet

[41] Dok. NM3, anness mar-Rikors promotur, fol. 9.

qiegħda twieġeb għal *post* imtella' minn ċertu Doreen Cilia – *post* li ma ġiex prodotta mill-attur – fejn fissret illi l-fatt li jista' jkun hemm nisa li kellhom esperjenza tajba bħala pazzjenti tal-attur, ma jistax u m'għandux jiġġustifika l-fatt li l-attur m'huwiex kwalifikat kif meħtieġ. Fil-fatt, il-konvenuta fl-istess post li skont l-attur iwassal imputazzjoni li huwa pedofolu, kitbet hekk: "*... the thing is that women had good experiences with him does not erase the fact that he is not properly qualified. We should not "take chances" with medical professionals in fact this is why their whole profession has so much regulation and ethical challenged*" u mbagħad tgħaddi biex tillustra dan il-ħsieb tagħha bl-eżempju tal-qassis pedolofu li kien fl-istess waqt ukoll bniedem maħbub u ġentili u magħruf li jagħmel ħafna karita'[42].

Minn dan, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju f'moħħ il-qarrej ta' intelliġenza anke inqas minn ordinarja, li hawnhekk il-konvenuta ma kienetx qiegħda tagħti x'tifhem li l-attur huwa pedofolu jew jabbuża mit-tfal iżda kienet qiegħda tispjega bl-użu tat-terminu litterarju tal-assimilazzjoni, il-fehma tagħha li f'każ ta' professjonist, l-ebda xejra pożittiva tal-karattru jew prova ta' kondotta tajba fil-qasam tal-prattika ma tista' qatt tirrimedja jew tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' kwalifika f'dak il-qasam.

In kwantu għall-imputazzjoni li l-attur huwa sessist u jġib ruħu b'mod li jagħti fastidju sesswali lin-nisa pazzjenti tiegħu, evidenzjata bl-istqarrijiet ċitati mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-Qorti tosserva illi hanwhekk ukoll l-istqarrijiet tal-konvenuta huma ripetizzjoni ta' dikjarazzjonijiet li saru minn terzi persuni. Iżda l-Qorti, fost il-*posts* kollha li jifformaw parti mill-atti ta' din il-kawza u l-kawża Rikors Numru 114/2020, inklużi dawk li ġew prodotti mill-konvenuta bħala parti mill-provi li hija ressqet għad-difiża tagħha, **ma riskontrat ebda stqarrija ta' xi pazzjent tal-**

---

[42] Skont il-prinċipju assodat in materja, l-imputazzjoni trid tkun waħda li tinsilet mill-pubblikazzjoni impunjata moqrija fl-intier tagħha *multo magis* meta din tkun waħda pjuttost qasira bħalma huwa l-post in diżamina.

"*Ordinary readers do not read in isolation but take the context into account, including the surrounding circumstances. They are taken to have read the whole article, not just the headlines, but importantly, the more sensational the article, the less degree of analytical care is expected, in contrast to serious publications which trigger an assumption of caution and close critique*." – ***Landmark Cases in Defamation Law***, (Edited by David Rolph) 2019 (2021 Ed.), b'referenza għal numru ta' deċiżjonijiet fosthom: **Hockey v. Fairfax Media Publications Pty Ltd.** (2015) FCA 652.

**attur b'rakkont dwar esperjenza ta' fastidju sesswali, kummenti sessisti jew xi kondotta oħra mhux f'lokha da parti tiegħu**. Il-konvenuta naqset ukoll milli tressaq bħala xhieda l-persuni li allegatament irrakontawlha dawn l-esperjenzi biex turi l-istqarrijiet ripetuti fihom bażi ta' verita' ċioe' li l-attur aġixxa f'istanzi konkreti bħala sessist wisq inqas li ta fastidju sesswali lil xi pazzjent minn tiegħu.

Kif inhu assodat fil-ġurisprudenza in materja, ir-regola dwar ripetizzjoni ('the repetition rule'):-

*"... reflects a fundamental canon of legal policy in the law of defamation ... that words must be interpreted, and the implications they contain justified, by reference to the underlying allegations of fact and not merely by reliance upon some second-hand report or assertion of them.*"[43]

Fil-fatt, il-konvenuta nnfisha xehdet hekk fir-rigward :- "*... we are getting to know that his training is not complete because he is not on this Registry. So obviously I made a bit of a conclusion there ... because of these inappropriate comments that we heard about.*"

Dawn l-allegazzjonijiet, senjatament dik dwar fastidju sesswali, huma fil-fehma tal-Qorti allegazzjonijiet sejri li huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur bħala tabib li l-prattika tiegħu hi ta' interess biss għan-nisa. Bla dubju "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*"[44]. Il-konvenuta ma seħħilhiex tissostanzja din l-allegazzjoni malafamanti bl-ebda mod u effettivament ma ressqet l-ebda prova kwalsiasi biex turi li l-attur iġib ruħu b'mod li jagħti fastidju sesswali u li jimmanifesta preġudizzju jew diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, kontra n-nisa.

---

[43] **Shah v. Standard Chartered Bank** (1999), Q.B. 241 CA. Vide wkoll fl-istess vena: **Curistan v. Times Newspapers Ltd.** (2008) EWHC, Civ 432.
[44] **Sim v. Stretch**, *supra*.

L-attur ħassu ferm aggravat ukoll bil-fatt illi l-konvenuta akkużatu pubblikament li huwa razzist u indika speċifikatament is-segwenti stqarrija:-

"*Publicly and openly racist, even though his nationality is Egyptian*."

Fir-rigward, huwa minnu li l-Qorti riskontrat messaġġ ippubblikat minn ċertu Christine Farrugia[45] fejn qalet:-

"*What a horrible racist man. My encounter with him were* (*sic*) *distasteful at mater dei, He was also a member of patriotti spewting* (*sic*) *racist hatred everywhere*."

Iżda Christine Farrugia ma xehditx quddiem il-Qorti biex tfisser il-fatti li wassluha biex tiddeskrivi lill-attur bħala razzist u l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova oħra biex turi li l-imputazzjoni ta' razziżmu hija fattwalment fondata u b'hekk tikkostitwixxi l-opinjoni onesta tagħha. Ma nġiebet l-ebda prova li l-attur għamel stqarrijiet radikali kontra razza partikolari jew aġixxa b'mod antagonistiku jew xenofobiku lejn xi persuna barranija jew ta' xi razza oħra, b'mod li jissostanzja l-imputazzjoni tal-konvenuta li huwa "*openly racist*"[46].

Il-fatt waħdu li l-attur seta' kien fil-passat, membru tal-partit politiku llum defunt li kien imsejjaħ 'Moviment Patrijotti Maltin', ma jfissirx li huwa preġudikat kontra persuni ta' nazzjonalita' jew razza differenti li jemigraw lejn pajjiżna u mhux sempliċement jgħożż il-valur tan-nazzjonaliżmu u patrijotiżmu, iħobb lil pajjiżu u jrid jiddefendih kontra immigrazzjoni illegali. Fil-fatt, l-istqarrija ta' ċertu Louise Vella[47] li l-attur "*gathers petitions against illegal immigration*" ma tagħmel xejn biex tissostanzja l-imputazzjoni ta' razziżmu għaliex kif rajna, ir-ripetizzjoni mill-konvenut pubblikatur ta' allegazzjoni malafamanti magħmula minn terzi, titqies bħala imputazzjoni magħmula direttament mill-konvenut. Kif rajna, il-prova li l-

[45] Dok. JB5 esebit mal-Affidavit tal-konvenuta odjerna – fol. 126 Rikors 114/2020 **Dr. Naged Megally v. Francesca Fenech Conti.**
[46] Fol. 131 Rikors Numru 114/2020.
[47] Ara Dok. JB8 esebit mal-Affidavit tal-konvenuta, fol, 128 Rikors Numru 114/2020.

allegazzjoni saret minn terza persuna m'hijiex biżżejjed biex jiġi sodisfatt l-oneru tal-prova tal-verita' sostanzjali għall-fini tad-difiża u lanqas ma tista' tikkostitwixxi "*fatt li eżista fiż-żmien*" tal-pubblikazzjoni impunjata, għall-fini tal-paragrafu (ċ)(i) tal-Artikolu 4(2) tal-Att fil-kuntest ta' difiża ta' opinjoni onesta[48]. F'kull każ, il-konvenut ma ressqitx prova li l-attur għamel dikjarazzjonijiet li huma diskriminatorji fil-konfront ta' razza jew grupp ta' persuni. Fuq kollox, irid jiġi mfakkar ukoll illi l-imputazzjoni ta' razziżmu ma saritx fil-konfront tal-attur fuq livell politiku iżda fuq livell professjonali fil-kuntest ta' kritika assidwa dwar il-kredenzjali tiegħu bħala tabib mediku u hija għalhekk manifestament estraneja għall-materja taħt diskussjoni. Il-Qorti ma taqbilx illi bl-istqarrijiet tagħha il-konvenuta ikkontribwixxiet għal xi dibattitu dwar materja ta' interess pubbliku u tqis li m'hijiex f'lokha s-sottomissjoni tal-konvenuta li l-attur bħala parti minn dibattitu dwar il-kredenzjali professjonali tiegħu kellu jittollera imputazzjoni pubblika li huwa razzist.

Fil-fehma tal-Qorti huwa manifest illi b'dawn l-istqarrijiet il-konvenuta marret ferm lil hinn mill-ħsieb oriġinali wara l-pubblikazzjoni tal-istqarrija oriġinali[49] li l-attur m'huwiex kwalifikat bħala speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija u ostetriċja, ċioe' li l-membri tal-grupp jiġu mwissija dwar il-fatt li l-attur ma jippossjedix il-kredenzjali biex jirreklama lilu nnifsu bħala speċjalist fil-qasam tal-ostetriċja u ġinekoloġija. **Dawn l-imputazzjonijiet ta' razziżmu u fastidju sesswali mhux biss jirriżulta li huma bla bażi iżda fihom infushom għandhom il-propensita' li jirrekaw ħsara serja fuq ir-reputazzjoni professjonali u personali tal-attur speċjalment bħala tabib li jittratta prinċipalment in-nisa u għalhekk, anke għaliex id-dikjarazzjonijiet relattivi tal-konvenuta m'humiex veri jew privileġġjati u lanqas jistgħu jitqiesu bħala raġjonevoli jew bħala l-opinjoni onesta tal-konvenuta, huma imputazzjonijiet diffamatorji.**

---

[48] Il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li d-dikjarazzjoni tal-opinjoni tagħha li l-attur huwa razzist, huwa bbażat fuq kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment: fl-atti proċesswali l-Qorti ma riskontrat l-ebda prova konsistenti f'dikjarazzjoni privileġġjata fejn ġie affermat bħala fatt li l-attur huwa razzist. Ir-referenza fl-Affidavit tagħha għal-link ta' filmat fuq Facebook m'hijiex prova proċesswali tal-filmat, u fi kwalsiasi każ, dan il-filmat ma jikkostitwixxix dikjarazzjoni privileġġjata kif imfisser fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 4 tal-Att li tiswa għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta.

[49] Dok. JB1 – artikolu fuq timesofmalta.com.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni għall-finijiet tal-Artikolu 11 tal-Att, il-Qorti ħadet qies ta' diversi fatturi, ewlenin fosthom il-fatt in-natura serja tal-imputazzjonijiet li ġie stabbilit li huma diffamatorji, ċioe' l-imputazzjoni li l-attur mhuwiex kompetenti fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, huwa razzist u sessist u jġib ruħu b'mod li jagħti fastidju sesswali lill-pazzjenti tiegħu. **Imputazzjonijiet li jassumu iktar gravita' għaliex saru fil-konfront ta' tabib mediku li jipprattika fil-qasam ġenerali tal-ġinekoloġija u *fetal medicine* fejn għalhekk il-pazzjenti tiegħu huma biss nisa, il-ġeneru li jikkostitwixxi l-parti l-kbira tal-vittmi ta' fastidju sesswali**. Il-korollarju ta' dan, inevitabbilment, huwa żieda fil-potenzjal ta' ħsara lir-reputazzjoni tal-attur, partikolarment ir-reputazzjoni professjonali tiegħu.

Fis-sentenza reċenti **Lachaux v. Independent Press Limited**[50] ġie ritenut illi l-ħsara lir-reputazzjoni sseħħ sewwasew bil-fatt tal-pubblikazzjoni:-

"*It is at that stage that the harm to reputation will have occurred: even if there may also subsequently be (although not necessarily so) consequential damage*."

Skont Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar din id-deċiżjoni, "*the words 'is likely to cause serious harm to reputation' should be taken as connoting a tendency to cause harm. Accordingly, if there is an issue as to serious harm it should be answered by assessing whether the meaning that it is ascertained the words bear, connotes a tendency to cause serious harm to reputation. ... Where the meaning so assessed is evaluated as seriously defamatory, it will ordinarily be proper to draw an inference of serious reputational harm*."[51]

---

[50] 2017, EWCA Civ. 1334.

[51] ***Gatley On Libel and Slander***, Second Supplement to the Twelfth Edition, 2017 (2.6, p. 10).

Fattur ieħor li l-Qorti qieset fil-likwidazzjoni tal-*quantum* tad-danni hu l-fatt illi l-istqarrijiet pubblikati mill-konvenuta għalkemm ġew ippubblikati fuq pjattaforma tal-midja soċjali li l-aċċess għaliha huwa limitat peress li l-profil *Women for Women* huwa privat/"*closed group*", dan il-grupp fih iktar minn erbgħin elf membru[52] u għalhekk il-firxa tal-pubblikazzjoni hija waħda pjuttost wiesa'. Huwa evidenti illi l-konvenuta naqset milli teżerċita d-diliġenza neċessarja qabel ma ppubblikat l-imputazzjonijiet ta' inkompetenza, razziżmu u fastidju sesswali u għalkemm kellu jkun ovvju għall-konvenuta li dawn l-imputazzjonijiet huma infondati u ma kellha l-ebda prova konkreta biex tissostanzjahom, baqgħet ma offriet l-ebda apoloġija lill-attur.

Il-Qorti, iżda, ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi ma jirriżultax illi l-attur sofra ħsara attwali lir-reputazzjoni tiegħu għaliex għalkemm inizzjalment ħafna pazzjenti kienu kanċellaw l-appuntamenti miegħu mingħajr raġuni, l-attur innifsu stqarr fix-xhieda tiegħu: "*ovja, irkuprajt wara għax imbagħad ix-xogħol tiegħi prove my professional* (*sic*)".[53] Ukoll, il-fatt illi l-imputazzjonijiet malafamanti saru permezz ta' tlieta jew erba' *posts* biss fost sensiela voluminuża ta' *posts* fuq il-profil tal-grupp in kwistjoni.

**Il-Qorti tirribadixxi, kif diġa' affermat f'diversi sentenzi preċedenti, illi l-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq medium li huwa aċċessibbli lil firxa wiesa' ta' qarrejja u aċċessibbli wkoll indefinittivament, imputazzjonijiet li huma kapaci jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu mingħajr ma jagħmel l-aċċertazzjonijiet u verifiki neċessarji biex jara li dak li jkun qed jiġi ppubblikat huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza, u mingħajr ma jwieżen u jgħarbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom.**

---

[52] Ara xhieda ta' Francesca Fenech Conti.
[53] Xhieda tal-attur, 14 ta' Ġunju 2021.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tillikwida s-somma ta' tmien mitt Euro (€800) in linea ta' danni morali.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tilqa' t-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenuta biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha, tilqa' limitatament it-talba tal-attur billi tiddikjara li l-imputazzjonijiet ta' inkompetenza, razziżmu u fastidju sesswali huma libellużi u malafamanti fil-konfront tiegħu u tikkundanna lill-konvenuta JELENA BEZZINA tħallsu s-somma ta' tmien mitt Euro (€800) in linea ta' danni morali.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**